MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

# Is-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 99/7

Il-Ħamis 22 ta' Marzu 2018

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88 Triq Raymond Caruana, il-Gudja fis-6.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

John Mary Calleja – Sindku
Romeo Baldacchino – Viċi Sindku
Mark Anthony Sammut – Kunsillier
Stefan Caruana – Kunsillier
George Fenech – Kunsillier
Sarah Camilleri – Ambaxxatriċi

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Nil

ASSENTI

Nil

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Ranier Busuttil – Aġent Segretarju Eżekuttiv
Joseph M Formosa – Uffiċjal

AĠENDA

99.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

99.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (97/7 [22/02/18] u 100/7 [06/03/18]);

99.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

99.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

99.5 Rapporti;

99.6 Pubblikazzjoni tal-ktieb 'Omm ta' Bosta Wlied 2';

99.7 Monument tal-Gudja - progress;

99.8 Bye law dwar il-parkeġġ ġewwa l-Gudja;

99.9 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

99.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---------------------------------------------------------

## Minuti

### Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku s-Sur John Mary Calleja ppresieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-6.02pm wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

**99.1.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

99.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**99.2.0 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (97/7 [22/02/18] u 100/7 [06/03/2018])**

99.2.1 Dawn il-minuti li ġew iċċirkulati għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa, ġew meħuda bħala moqrija b'mod unanimu.

Fuq proposta tas-Sindku u ġiet issekondata mill-Viċi Sindku s-Sur Baldacchino, dawn l-istess minuti ġew approvati nem con.

**99.3.0 Komunikazzjoni mis-Sindku**

99.3.1 Is-Sindku qal li issa wara li kien hemm insistenza tal-Kunsill li dan il-proġett ikompli kif kien imwiegħed, il-Kunsill qed iżomm kuntatt sabiex jara li jibda u jitwettaq f'qasir żmien malli jkun hemm il-permessi meħtieġa.

99.3.2 Kont tad-dawl dwar Ġnien Ġlormu Cassar. Is-Sindku qal li issa dan id-dawl qiegħed fuq is-sistema tal-istreet lighting. Il-Kunsill qiegħed ikompli jinsisti li ħadd ma kellu d-dritt jaqleb il-kontijiet pendenti f'isem il-Kunsill u l-Kunsill għadu qed jitlob li l-kont jiġi rtirat u l-fondi li tħallsu f'isem il-Kunsill mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali jiġu rifonduti lura lill-Kunsill kif huwa xieraq u ġust.

99.3.3 Proġett ta' ħatra ta' 3 kenniesa mal-Kunsill. Is-Sindku qal li l-Kunsill għamel dak kollu possibbli sabiex dan il-proġett iseħħ kif miftiehem iżda jidher li dan il-proġett issa kien *on hold* u l-Kunsill qed ifittex soluzzjoni oħra sabiex isir xogħol ta' knis ġewwa l-Gudja.

F'dan l-istadju l-Viċi Sindku s-Sur Baldacchino saħaq li minkejja kull sforz tal-Kunsill, huwa kien qed jirċievi diversi ilmenti li fil-Gudja hawn il-ħmieġ.

Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel li jikseb mhux anqas minn 3 kwotazzjonijiet u wara jinħatar kennies/kenniesa kif meħtieġa fuq bażi ta' xahar xahar sakemm ikun hemm reviżjoni u arranġamenti oħra iżda jidher li din il-miżura temporanju tista' tieħu xi 4 xhur.

99.3.4 Tender dwar ħatra ta' perit. Is-Sindku qal li l-proċess qiegħed fil-fażi finali u l-Kunsill mar fuq għażla tal-irħas proposta. Il-Kunsill qal li dan il-proċess jista' jiġi konkluż fi ftit ġimgħat oħra jekk ma jkunx hemm xi appell.

Is-Sindku qal li din it-tema sejra tersaq fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill.

99.3.5 Ħruġ ta' tenders dwar servizzi u xogħlijiet. Is-Sindku qal li fil-ġimgħat/xhur li ġejjien il-Kunsill sejjer joħroġ diversi tenders, sejħiet għal kwotazzjonijiet u għal min għandu interess dwar tarmak, konkos, pave, latrini, servizz ta' non urban u manutenzjoni tal-ġonna. Dawn is-sejħiet għandhom jimxu skont il-proċeduri stabbiliti u għalhekk jieħdu ż-żmien sakemm jiġu konklużi.

**99.4.0 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

99.4.1 Il-mistoqsijiet ġew imwieġba taħt is-sezzjoni 'Rapporti' u f'partijiet oħra f'dawn l-istess minuti.

**99.5.0 Rapporti**

99.5.1 Romeo Baldacchino (Viċi Sindku)

a. Servizz ta' dawl madwar il-Gudja. Is-Sur Baldacchino qal li fil-preżent il-Kunsill għadu mhux infurmat sewwa dwar l-aħjar ftehim li jista' jagħmel għal dan is-servizz utli. Jidher li Kunsilli oħra fir-Reġjun Nofsinhar jaqblu li jkun hemm kuntratt wieħed. Is-Sindku wieġeb li sejjer jara dwar dan fil-laqgħa li jmiss tar-Reġjun u sejjer jitkellem dwar dan fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill.

b. Dawl fuq l-istatwi fil-pjazza. Is-Sur Baldacchino qal li kif kien diġà maqbul il-kunsill talab lill-kuntrattur sabiex jissuplixxi bozza u meta din tasal (għaliex din sejra tinġieb minn barra l-pajjiż), titwaħħal quddiem l-istatwa tal-Madonna. Wara l-Kunsill ikun ukoll jista' kif jagħmel l-aħjar dwar dawl fuq l-istawa ta' San Ġużepp kif ukoll tas-Salib. Il-Kunsill qabel li sakemm jsasal dan id-dawl ġdid jitlob lill-kuntrattur li jaqla' d-dawl eżistenti jekk dan id-dawl ikun qed jikkawża xi inkonvenjent.

c. Dawl fuq iz-zuntier tal-Knisja. Il-Kunsill qabel ukoll li jitlob lill-kuntrattur responsabbli sabiex dan id-dawl isir kollu *cool white* kif fil-preżent hemm fuq il-Palazz inti u dieħel iż-Żejtun.

d. Ilmenti dwar is-servizz ta' ġbir ta' skart imħallat. Is-Sur Baldacchino qal li qed jirċievi diversi ilmenti fosthom li l-kuntrattur qed jagħsar l-iskart u joħroġ ilment li jnitten diversi toroq waqt li jkun qed jiġbor l-iskart. Jekk dan ikompli huwa mistenni li fis-sajf il-problema tikber u jkun hemm aktar ilmenti u periklu għas-saħħa. Il-Kunsill iddiskuta ilmenti oħra fosthom li l-ġbir fil-ħdud mhux qed ikun komplut u li jitawwal sat-3.30pm.

Dwar dan il-Kunsill qabel li jitlob laqgħa mal-kuntrattur sabiex jiġu indirizzati dawn l-ilmenti u l-kuntrattur jagħti lista *up-to-date* dwar il-vetturi li qed juża u l-ħaddiema li qed jaħdmu sabiex iwettqu l-obbligazzjoni tal-kuntratt dwar il-ġbir ta' skart domestiku.

Il-Kunsill qabel ukoll li titnaqqas pagament ta' ġurnata kif tinħadem f'dan il-kuntratt eżistenti.

99.5.2 George Fenech (Kunsillier)

a. Xogħol ta' knis. Is-Sur Fenech staqsa dwar il-proġett pilota ta' ħaddiema dwar il-knis fejn kien sar qbil li dawn it-3 ħaddiema kellhom jiġu ngaġġati direttament mal-Kunsill. Is-Sur Fenech insista li kienet bdiet tinħass it-telqa madwar il-Gudja u għalhekk il-Kunsill għandu jaġixxi b'mod urġenti.

b. Pubblikazzjoni tal-ktieb 'Omm ta' Bosta Wlied 2" li qed jidderiġi s-Sur Bertram Portelli. Is-Sur Fenech qal li x-xogħol miexi tajjeb, biss għad ma kellux ċans jiddiskuti xejn rigward pretenzjonijiet u sussegwentament fuq xi qliegħ li jista' jiġi rikavat mill-bejgħ.

Is-Sur Fenech stqarr li huwa ta' sodisfazzjoni għalih li s-Sur Caruana, li huwa inkarigat mid-dekasteru tal-kultura, offra l-għajnuna f'dak li jidħol bħala attività biex il-ktieb jiġi llonċjat fil-ġimgħa tal-festa li tfakkar Jum il-Gudja nhar il-15 ta' Lulju 2018.

c. Kompetizzjoni – Monument tal-Gudja. Is-Sur Fenech staqsa f'hiex wasal l-għażla tad-diżinn tal-monument li saret b'kompetizzjoni minn fost ir-residenti u li hemm il-ħsieb li jittella' għal Jum il-Gudja. Is-Sur Fenech qal li s-Sur Vince Cassar wera x-xewqa li jkun jifforma parti mill-panel tal-għażla. F'dan l-istadju l-Kunsill ġie infurmat li qed isiru tentattivi sabiex kif kien ġie diskuss qabel, dawn il-persuni jagħmlu l-ewwel laqgħa dwar din il-materja. Il-bord se jkun magħmul minn: Mario Coleiro, Vince Cassar, Mario Gatt, Fabio Scicluna u l-Perit Carmel Ellul.

d. Sigurtà ta' sit ta' bini fi Triq San Pawl. Is-Sur Fenech qal li jħoss li għalkemm fil-laqgħa preċedenti kien qajjem dan il-punt li hemm periklu serju fuq dan is-sit, huwa jħoss li sa issa għadu ma sar xejn. F'dan l-istadju s-Sindku

wieġeb li l-Kunsill kien ħa passi billi kiteb lil Building Regulations Office (BRO), Health and Safety Authority u lill-Pulizija, u li qed isegwi dan mill-qrib. Is-Sindku qal li kien ukoll sejjer jagħti l-informazzjoni *up-to-date* fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill.

e. Raħal tal-Gudja – sit ta' kostruzzjoni. Is-Sur Fenech stqarr li fid-dawl li r-raħal tal-Gudja sar kollu sit ta' kostruzzjoni hemm ħtieġa kontinwa li effettivament l-Għassa tal-Pulizija tkun miftuħa kuljum jew tal-anqas matul il-ġimgħa. Is-Sindku wieġeb li l-ftuħ tal-Għassa żdied sostanzjalment u ħafna drabi jkun hemm preżenza tal-Pulizija fuq patrol fit-toroq tal-Gudja.

99.5.4 Mark Anthony Sammut (Kunsillier)

a. Attività sportiva fid-19 ta' Marzu 2018. Is-Sur Sammut informa lill-Kunsill li din l-attività, li ħadet 4 sigħat mis-sigħat tal-Kunsill fl-arranġament li hemm mal-Gudja United FC, kien ta' suċċess.

b. Sports Day – Edukazzjoni u saħħa fiżika. Is-Sur Sammut qal li l-Kunsill qed jieħu isem tajjeb fl-attivitajiet u l-kollaborazzjoni tiegħu fil-qasam tal-isports u edukazzjoni fiżika.

c. *Clean up* nhar it-22 ta' April 2018. Is-Sur Sammut qal li s-sehem f'din l-attività sejra tittella' mal-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ Gudja, l-Grupp Żgħażagħ u s-sehem tal-Kunsill.

99.5.5 Stefan Caruana (Kunsillier)

a. Programm Erba' Staġuni – Kunċert ta' Mejju fil-Kappella ta' Bir Miftuħ. Is-Sur Caruana qal li dan il-programm sejjer ikompli bil-kollaborazzjoni ma' Din l-Art Ħelwa fil-kunċert internazzjonali li sejjer jittella' matul ix-xahar ta' Mejju 2018. Il-Kunsill qabel li dwar din l-attività, jimxi kif għamel is-sena preċedenti.

b. Kollaborazzjoni mal-Valletta 18. Is-Sur Caruana qal li huwa kien qed jaħdem sabiex l-attivitajiet ta' Jum il-Gudja 2018 ikun hemm attivitajiet fil-Gudja li jsiru bil-kollaborazzjoni tal-V18. Meta dan iseħħ ikun hemm ċans li l-attivitajiet ikollhom aktar *media coverage* u jkun hemm kontenut kulturali aħjar u attendenza akbar anke fuq livell nazzjonali.

**99.6.0 Pubblikazzjoni tal-ktieb 'Omm ta' Bosta Wlied 2'**

99.6.1 Din it-tema ġiet diskussa f'dawn l-istess minuti taħt ir-rapport tal-kunsillier is-Sur Fenech.

**99.7.0 Monument tal-Gudja – progress**

99.7.1 Din it-tema ġiet diskussa f'dawn l-istess minuti taħt ir-rapport tal-kunsillier is-Sur Fenech.

**99.8.0** ***Bye-law* dwar il-parkeġġ ġewwa l-Gudja**

99.8.1 Il-Kunsill ħa konjizzjoni tax-xogħol li sar dwar din it-tema. Il-Kunsill qabel ukoll li d-draft ta' din il-*bye law* għandu jinkludi fejn ikun hemm *blue badge* (persuni b'diżabilità) dawn il-persuni/vetturi jkunu konsiderati għal kull fini ta' parkeġġ, bħala residenti tal-Gudja. Il-Kunsill qabel li jkompli jiddiskuti din it-tema fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill.

**99.9.0 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

99.9.1 Il-Kunsill approva l-lista ta' pagamenti nru 54/7 hekk kif ippreżentata u pproponuta mis-Sindku JM Calleja u ssekondata mill-Kunsillier G. Fenech għall-ammont totali ta' €17,517.60. Din l-iskeda ta' pagamenti ġiet ukoll iffirmata mill-Kunsilliera kollha preżenti.

**99.10.0 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

99.10.1 Kuntrattur tan-*non-urban*. Il-Kunsill qabel li l-kuntrattur għandu jintalab sabiex jiġi l-Kunsill u jwieġeb dwar in-nuqqasijiet tiegħu li jwieġeb għal ħtiġijiet u talbiet tal-Kunsill fix-xogħol meħtieġ tan-*non-urban*.

99.10.2 Tindif ta' *bust-bins*. Il-Kunsill qabel li t-tindif ta' dawn id-*dust-bins* għandu jsir mill-kennies.

99.10.3 Bollards quddiem Palazzo d'Aurel. Is-Sur Sammut fakkar li sa żmien ilu l-Kunsill qabel li jitlob lit-TM sabiex fil-parti tat-triq u bankina biswit il-palazz f'Dawret il-Gudja ma' Triq Ħal Għaxaq ikun hemm bankina aktar wiesa' fuq l-istess wisa' li teżisti fi Triq Ħal Għaxaq u li jkun hemm bollards/ilqugħ meħtieġ sabiex iħares il-*pedestrians* li jiffrekwentaw dawn l-inħawi fosthom persuni li jkunu jmexxu *pushchairs*.

Is-Sur Sammut qal ukoll li l-bollards eżistenti madwar il-palazz għandhom jinbidlu sabiex ikunu jixirqu l-ambjent.

99.10.4 Sistema ta' bollards temporanji biswit l-istejġ fi Triq Ħal Għaxaq. Is-Sur Sammut stqarr li sa zmien ilu l-Kunsill kien qabel li tiġi operata sistema ta' *traffic managment* sabiex jitneħħa l-abbuż ta' sewwieqa meta jsuqu fuq wara ta' dan l-istejġ sabiex jaqbżu t-*traffic lights*. Il-Kunsill qabel li jaħdem dwar dan mat-TM sabiex dak meħtieġ isir fl-aqsar żmien possibbli u jkun hemm aktar ħarsin fuq il-post.

99.10.5 Xogħol fl-inħawi magħruf tal-Għoljiet. Is-Sindku stqarr li fl-inħwi tal-Għoljiet, il-Gudja hemm diversi bdiewa u għandhom bżonn aċċess aħjar. Il-Kunsill approva x-xogħol meħtieġ sabiex ikun hemm aċċess aħjar.

99.10.6 Xogħol fi Triq Victor Pasmore. Il-Kunsill ħa konjizzjoni tax-xogħlijiet sabiex dawn l-inħawi ikun aktar aċċessibbli u qabel li jistenna l-eżitù tal-

applikazzjoni tal-Kunsill dwar fondi Ewropej għal dan il-proġett ta' toroq qalb il-kampanja.

99.10.7 Laqgħat tar-Reġjun. Is-Sindku qal li l-laqgħat tal-Kunsill sejrin jiġu avżati minn żmien għal żmien qabel lir-Reġjun sabiex ir-Reġjun jevita li jsejjaħ laqgħat li jaħbtu ma' dawk tal-Kunsill u b'hekk is-Sindku jkun jista' jattendi għal dawk il-laqgħat bla diffikultà żejda.

99.10.8 Xogħol ta' kostruzzjoni fi Triq il-Lewż, il-Gudja. Il-Kunsill qabel li jikkonsidera dak meħtieġ sabiex kemm jista' jkun jonqos l-inkonvenjent li qed jinħoloq minħabba diversi siti ta' kostruzzjoni f'din it-triq.

99.10.9 Rapport dwar l-arja. Is-Sur Baldacchino qal li huwa importanti li l-Kunsill jikseb informazzjoni dwar l-inkonvenjent tal-arja u ħsejjes li jaffettwaw lir-residenti tal-Gudja. Il-Kunsill qabel li jitlob lill-ERA dwar din l-informazzjoni kif meħtieġa.

99.10.10 Ċitazzjoni ta' madwar €500.00 fl-inħawi tal-MIA. Is-Sur Fenech stqarr li huwa kellu kuntatt u ilment minn persuna li weħlet multa peress li kienet qiegħda tħoss li saret inġustizzja. Il-Kunsill qabel li din il-materja ma taqax taħt ir-remit tal-Kunsill u għalhekk għandha tiġi trattata mal-LESA u l-persuna li għamlet l-ilment.

99.10.11 *Planning Gain*. Il-Kunsill ra d-deċiżjoni tal-PA li l-*planning gain* jinqasam bejn il-Kunsill li jmissu mal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta u qabel li peress li l-iżvilupp li kien ġie approvat jinsab kważi kompletament fuq in-naħa tal-Gudja, il-kumpens li għandu jirċievi l-Gudja jkun wisq akbar minn dak ta' kunsilli oħra.

Fil-fehma tal-Kunsill l-isfidi tal-Kunsill tal-Gudja fil-konfront tal-iżvilupp approvat sejjer ikun wisq akbar minn ta' kunsilli oħra madwar l-Ajruport u għalhekk huwa ġust u ekwu li sehem ta' forma ta' kumpens għall-Gudja ikun wisq akbar minn dak ta' kunsilli oħra li sejrin jintlaqtu ftit jew xejn.

99.10.12 Awguri. Is-Sindku qal li jixtieq l-Għid it-Tajjeb lil kulħadd. Il-Viċi Sindku u l-Kunsilliera kollha qalu li kien qed jirreċiprokaw dan l-awguri u xtaqu l-Għid it-tajjeb lis-Sindku u lil kulħadd.

99.10.13 Peress li t-temi kollha fuq l-aġenda ġew eżawriti, is-Sindku għalaq il-laqgħa fit-8.25pm. Is-Sindku aġġorna l-laqgħa għal-Ħamis 26 ta' April 2018 fis-6.00pm fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum ________________________

| | |
|---|---|
| John Mary Calleja | Ranier Busuttil |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |